**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 3 ta' Dicembru 2020**

Rikors Numru: 294/20 AL

A B

vs

C D

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-ġuramentat mir-rikorrenti li permezz tiegħu ippremettiet:

1. Illi hija żżewġet lill-intimat C D fl-għoxrin ta' Diċembru tas-sena elf disa' mija tmienja u disgħin (20.12.1998) fis-Santwarju tal-Qalb ta' Ġesu ġewwa Ħaż-Zebbuġ u ż-żwieġ ta' dina l-koppja ġie reġistrat fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta bin-numru progressiv 2251/1998 (Ċertifikat taż-żwieġ anness Dok A).

2. Illi l-partijiet xoljew u llikwidaw il-komunjoni tal-akkwisti bejniethom u effetwaw is-separazzjoni personali permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali ppubblikat in atti tan-Nutar Dottor Robert John Muscat fis-sitta u għoxrin ta' Ġunju tas-sena elfejn u sebgħa (26.06.2007)- Kopja tal-Kuntratt ta' Separazzjoni- Dok B).

3. Illi l-partijiet minn dan iż-żwieġ kellhom tifla bl-isem ta’ X li twieldet fit-tmienja ta’ Lulju tas-sena elfejn u tnejn (08.07.2002);

4. Illi għaddew aktar minn erba’ snin mid-data ta’ separazzjoni u ma hemm ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet.

5. Illi jikkonkorru l-kriterji kollha rikjesti mill-liġi għal-ħalla taż-żwieġ u għad-divorzju tal-partijiet.

Tgħid lill-intimat jgħid għaliex din il-Qorti m’għandhiex:

1. Tiddikjara li ż-żwieġ tagħha ma’ C D hu maħlul u li l-parijiet huma divorzjati għal effetti kollha tal-liġi.

2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex fi żmien mħolli għal daqshekk minn din il-Qorti , javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan ikun reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tal-14 ta’ Settembru 2020;

Semghet lill-intimat prezenti fl-Awla, fuq domanda tal-Qorti, jwiegeb li ma għandu l-ebda oġġezzjoni li jintlaqgħu it-talbiet kollha kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mis-26 ta' Gunju, 2007;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.